MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 577/2012

**Appell Nru. 577/2012**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Youssef Rhouni**

**Illum 3 t'Ottubru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 286995 (A) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni whada, bejn Awwissu 2011 u Dicembru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Romina Calleja u/jew lil uliedu s-somma fil-gimgha ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Novembru, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu xahar detenzjoni.
Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Dicembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponenti minn kull htija fid-dawl tas-suespost.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fl-ewwel lok, l-appellant sostna bix-xhieda tieghu illi huwa fil-fatt issoministra l-alimenti in kwistjoni imma ma kellux ircevuta ghal tali hlas. Il-kwerelanta mill-banda l-ohra ammettiet illi verament l-appellant kien iwettaq hlasijiet u hija ma kienitx taghtih ircevuta imma dawn il-hlasijiet ma kienux ghall-perjodu in kwistjoni. In vista tal-konflitt illi kien hemm fl-evidenza, d-dubju kellu jmur ghal favur tal-appellant imma evidentement ma kienx il-kaz.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant huwa sseparat minn martu Romina Calleja u kien obbligat jivversa ammont ta' manteniment ghaliha u ghal uliedha. Gara pero' illi bejn Awwissu 2011 u Dicembru 2011 l-appellant naqas illi jhallas lil Romina Calleja l-ammont dovut lilha u ghal uliedha. Kien ghalhekk illi Calleja rrapurat lill-pulizija li pprocedew kontra l-appellant. B'Sentanza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit 28 ta' Novembru, 2012 sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal xahar prigunerija. L-appellant hassu aggravat minn din is-Sentenza u qal illi huwa kien ihallas

il-manteniment lill-martu pero’ dina ma kienetx tohroglu rcevuta u ghalhekk kien nuqqas taghha illi m’ghandiex record tal-hlasijiet maghmula. Il-kwerelanta minn naha ‘l ohra ammettiet illi l-appellant kien wettaq xi hlasijiet u li ma taghtux ircevuta, pero’ dawn il-hlasijiet ma kienux ghal perjodu in kwistjoni. Fi kwalunkwe kaz, fis-seduta tat-13 ta’ Gunju, 2013 dehret il-parti civili Romina Calleja fejn iddikjarat li rciviet min ghand l-appellant il-manteniment dovut bejn Awwissu u Dicembru 2011 u ghal dak li jirrigwardja din il-kawza ma kelliex aktar pretenzjonijiet kontra l-appellant.

Ikkunsidrat.

Dan il-hlas ma jaghmel l-ebda differenza ghad-dikjarazzjoni ta’ htija illi mponiet l-ewwel Qorti fuq l-appellant. Il-fatt illi l-appellant ma jircievix ircevuta rcevuta ma jfissirx illi gie mehlus mill-obbligu tal-hlas ratejali tal-manteniment. Min jallega l-hlas irid jipprova u jekk l-appellant jaf illi martu tkun naqset milli tirrilaxxja rcevuta allura ghandu jaghmel mezz biex izomm record ta’ dawn il-hlasijiet u jkun jista’ jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi huwa qeda l-obbligazzjonijiet tieghu skont il-Ligi. Ghalhekk zgur in-nuqqas ta’ rilaxx ta’ rcevuta ma jintitolax lill-appellant illi jkun moruz fil-hlas tal-manteniment u l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha ghamlet sew illi sabet htija.

Ghal dak li jirrigwrdja l-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali illi dina tigi disturbata jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi u rrizulta illi fil-fatt il-piena nflitta qieghda fil-parametri tal-Ligi. Pero’ l-Qorti mhijiex aversa ghas-sitwazzjoni ta’ l-appellant illi jkun hallas il-manteniment fil-mori ta’ din il-kawza f’liema kaz allura jista’ jikun hemm temperament fl-ghoti tal-piena. Fil-kawza Il-Pulizija vs Publius Said deciza fil-25 ta’ Settembru, 2003 il-Qorti qalet, *“ L-iskop tal-legizlatur, meta ntroduca din il-kontraversja fil-Kodici Kriminali fin-1983, kien illi ssir pressjoni fuq id-debituri rikarcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpedixxi l-ksur ta’ l-ordnijiet, digrieti jew Sentenzi tal-Qorti, ordnijiet li ghandhom dejjem jigu osservati skrupolizament, jew il-*

*ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ghal temperament fil-piena ......"*

Din il-Qorti pero' tosserva illi dina mhijiex l-ewwel darba illi l-appellant instab hati ta' ksur ta' obbligi kuntrattwali versu martu u taghmilha cara illi dina se tkun l-ahhar darba li l-Qorti se timmodera l-piena u jekk l-appellant isir *habitual defaulter* allura f'dan il-kaz il-Qorti ser tkun severa fil-konfront tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tikkonferma l-ewwel Sentenza fejn din sabet lill-appellant hati talli naqas illi jivversa l-manteniment lil martu izda timmodifika l-istess Sentenza fejn flok piena ta' prigunerija tillibera lill-appellant taht il-provedimetni ta' l-Artiklu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zmien sena mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------